MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 825/2003

**Andre' Grixti sive Griscti**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Awwissu 2003 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi, l-attur twieled fil-11 ta' April 1983 u nghata l-ismijiet Andre', Joseph, Francis;

Illi, fl-att tat-twelid tieghu numru 2134/1983 (Dok. "A") fil-kolonna fejn hemm indikat isem missier it-tarbija, gie mnizzel "Gaetano Griscti" minflok "Gaetano Grixti";

Illi, l-attur irid li jigi emendat l-imsemmi att tat-twelid tieghu (Dok. "A") kif hawn fuq indikat;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna li l-att tat-twelid tal-attur, li jgib in-numru 2134/1983, jigi emendat billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem missier it-tarbija, l-isem "Gaetano Griscti" jigi sostitwit bil-kliem "Gaetano Grixti";

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat it-talba ta' Andre' Grixti datata 17 ta' Dicembru 2001 a fol 6 tal-process, fejn talab ghall-ghajnuna legali.

Rat id-digriet datat 7 ta' Jannar 2002 fejn il-Qorti laqghat it-talba u gew mahtura Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Liliana Buhagiar.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fit-30 ta' Ottubru 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attur erbghin (40) gurnata sabiex jipprezenta l-provi kollha li jista' permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut d-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 25 ta' Novembru 2003 a fol 18, fejn espona bir-rispett:

1. Illi, fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;

2. Illi, fil-kaz illi t-talbiet attrici jigu milqugha anke' d-dettalji tal-kunjom tal-omm fl-istat taghha ta' mizzewga ghandhom jigu emendati;

3. Illi, fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda datati 25 ta' Novembru 2003 a fol 19 u 20 tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 11 ta' Dicembru 2003 li permezz taghha ecepixxa l-affidavit tieghu u erba' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "C", "D", "E" u "F".

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Frar 2004 fejn il-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit ta' missier l-attur **Andre' Grixti** li gie prezentat permezz ta' nota datata 11 ta' Dicembru 2003. Tali affidavit jinsab a fol. 23 tal-process.

### (ii) APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attur numru 2134/1983 *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt il-kunjom ta' missieru huwa "Grixti", ghalkemm fic-certifikat tat-twelid huwa mnizzel bhala "Griscti".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kkontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikat taz-zwieg ta' missier l-attur stess Nru 2609/1980, mic-certifikat tat-twelid ta' missier l-attur Nru 3560/1954 li jikkonferma li

kunjom in-nanniet paterni tal-attur huwa “Grixti”, mic-certifikat tat-twelid tan-nannu patern tal-attur Nru 6629/1923 li jikkonferma li l-kunjom huwa “Grixti”, kif ukoll mic-certifikat taz-zwieg tan-nanniet paterni tal-attur Nru136/1951, li ukoll jikkonferma li l-kunjom huwa “Grixti”. Illi fil-fatt jirrizulta li missier l-attur kien u ghadu maghruf bil-kunjom “Grixti”. Ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli mal-premess, **tilqa’ t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b’dan li:-

1. Tordna li l-att tat-twelid tal-attur, li jgib in-numru 2134/1983, jigi emendat billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem missier it-tarbija, l-isem “Gaetano Griscti” jigi sostitwit bil-kliem “Gaetano Grixti”;

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------